MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 22/2023 LM

**Mariam Asma**
**(Passaport tal-Pakistan nru. JR0995281)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Mariam Asma** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha filwaqt li osserva li ma kienx

ġie ntavolat appell formali, iddeċieda l-appell tagħha fil-konfront tal-appellata **l-Aġenzija Identity Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'] billi ċaħdu.

## Fatti

2. Fis-27 ta' Jannar, 2022, l-appellanta kienet ippreżentat applikazzjoni lill-Aġenzija appellata għall-ħruġ ta' permess uniku favur tagħha. Sakemm tiġi deċiża dik l-applikazzjoni, hija ngħatat permess tirrisjedi hawn Malta sas-27 ta' April, 2022. L-applikazzjoni ġiet miċħuda hekk kif skada dan it-terminu, stante li skont l-Aġenzija appellata, hija ma kinitx għadha mpjegata hekk kif il-prinċipal tagħha allegatament kien ikkanċella l-istess applikazzjoni mingħajr ma kienet taf.

## Mertu

3. Għalhekk fit-3 ta' Mejju, 2022, l-appellanta ntavolat proċeduri ta' appell quddiem il-Bord għar-revoka ta' din id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata u sabiex l-applikazzjoni tagħha għal permess uniku *ai termini* tal-A.L. 160/2014 tintlaqa'.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *" 1. __Preliminary__*
>
> *The Board:*
>
> *Noted the refusal dated 28th April 2022.*

*Noted that no formal Appeal was presented, wherein the grounds of refusal were rebutted. Noted in fact, the scarcity of the documents (three papers in all), wherein no evidence was presented, as well as no submissions were submitted. Noted that over eight months have passed and no documents were presented to this Board."*

**<u>L-Appell</u>**

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2023 fejn qegħda titlobha:

*"...jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-15 ta' Frar 2023, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jkollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti kollha u wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni; jew fin-nuqqas, wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tordna lill-Agenzija appellata sabiex toħroġ permess ta' residenza lill-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Aġenzija appellata."*

6. L-Aġenzija appellata wieġbet fis-16 ta' Marzu, 2023 fejn għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tagħha, issottomettiet li fil-fehma tagħha d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta fid-dawl ta' dak li kkonstata u ddeċieda l-Bord permezz tad-deċiżjoni appellata, iżda meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet tal-Aġenzija appellata.

8. Tibda bi kwistjoni preliminari li qegħda tqajjem l-Aġenzija appellata fit-tweġiba tagħha, fejn qegħda tikkontendi li l-appell odjern huwa null u

inammissibbli. Tispjega li skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord huwa permissibbli biss fuq punt ta' liġi *"...rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III",* iżda fil-każ odjern l-appellanta mhijiex waħda mill-persuni hemm imsemmija għaliex mhijiex ċittadin ta' Stat Membru u barra minn hekk ma tinsabx leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi ftehim dwar fruntiera għaliex daħlet f'Malta mill-Pakistan. Hawnhekk l-Aġenzija appellata tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi li ngħataw minn din il-Qorti fl-aħħar xhur sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha.

9. Mill-atti quddiem il-Bord u li kopja tagħhom ġiet ippreżentata mill-partijiet, jirriżulta lill-Qorti mill-kopja tal-irċevuta tal-applikazzjoni tal-appellanta għal permess uniku[1], li kienet ingħatat il-permess sabiex tirrisjedi hawn Malta sas-27 ta' April, 2022 jew sakemm kellha tittieħed deċiżjoni dwar l-imsemmija applikazzjoni tagħha. Iżda hekk kif hija kienet marret tistħarreġ mal-Aġenzija appellata proprju fis-27 ta' April, 2022 dwar x'kien seħħ bl-applikazzjoni tagħha, hija kienet ġiet infurmata li min kien ser iħaddimha kien ikkanċella l-applikazzjoni tagħha. B'hekk fid-29 ta' April, 2022 li kien jaqa' fl-aħħar tal-ġimgħa, l-appellanta kienet avviċinat li min kien ser iħaddimha fejn ingħatat kopja tal-ittra tal-kanċellament tal-applikazzjoni.

10. Huwa tassew minnu li minn dakinhar 'il quddiem, l-appellanta ma setgħetx tiġi iktar ikkunsidrata bħala residenti b'mod leġittimu hawn Malta. Iżda l-Qorti tagħraf li l-appellanta m'għandhiex tiġi attribwita bl-ebda responsabbiltà għall-

[1] Dok. B a *fol.* 8 tal-atti tal-Qorti.

pożizzjonii lleġittima tagħha hawn Malta għaliex għal dan kienet taħti proprju l-azzjoni kompletament arbitrarja meħuda mill-persuna li kienet wegħditha mpjieg hawn Malta, u li bis-saħħa ta' dik il-wegħda l-appellanta ngħatat il-permess sabiex tirrisjedi hawn Malta sakemm l-applikazzjoni għall-permess uniku tiġi pproċessata. Il-Qorti tgħid li fil-każ odjern l-liġi ma tistax tiġi applikata bil-mod inġust li qegħda tippretendi l-Aġenzija appellata, fejn saħansitra min jipprometti x-xogħol lil persuna li mhijiex koperta bid-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, ma javżahiex fil-ħin bid-deċiżjoni tiegħu sabiex din ikollha l-opportunità li tirregola l-pożizzjoni tagħha. Iżda fil-każ odjern il-Qorti tosserva li d-deċiżjoni tal-prinċipal prospettiv tagħha qatt ma ġiet ikkomunikata lill-appellanta għajr wara li skada t-terminu permess lilha sabiex tirrirsjedi hawn Malta, u b'hekk bl-ebda għazla skont il-liġi ħlief li titlaq lura lejn pajjiżha. Wieħed ma jistax iwarrab il-fatt li dik il-persuna tkun għamlet deċiżjoni iebsa sabiex titlaq lill-familja u lill-pajjiż tagħha, u anki daħlet għal spiża finanzjarja qawwija għaliha bil-għan li ssib xogħol f'pajjiż ieħor tant bogħod. Il-Qorti għalhekk ma tarax li għandha tilqa' l-ewwel sottomissjoni li qegħda tressaq l-Awtorità appellata.

11. Dwar il-mertu, il-Qorti tirrileva li għalkemm is-sottomissjonijiet tal-appellanta u d-dokumenti annessi magħhom tassew ma fihom l-ebda data kif tirrileva l-Aġenzija appellata, fl-ewwel paġna tal-imsemmija sottomissjonijiet hemm it-timbru tal-Bord li juri li dawn ġew ippreżentati fit-8 ta' Lulju, 2022. Iżda l-Aġenzija appellata tinsisti li ma teżisti l-ebda prova dwar meta s-sottomissjonijiet tal-appellanta u d-dokumenti annessi kienu ġew ippreżentati quddiem il-Bord, imma l-Qorti tgħid li jkun għaqli u ġust li għandu jkun il-Bord li jiddeċiedi dwar l-ammissibiltà tal-imsemmija dokumenti. B'hekk għandu dejjem

jibqa' mhux mittiefes id-dritt tal-eżami doppju li l-istess Aġenzija appellata korrettement tinsisti fuqu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta u tibgħat l-atti lura quddiem il-Bord sabiex dan jieħu konjizzjoni tal-istess u jiddeċiedi r-rikors tal-istess appellanta wara li jagħti opportunità lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet u l-provi tagħhom.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tal-Aġenzija appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**